MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2008

Numru. 878/2008

**Il- Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**

**vs**

**Omissis**
**Omissis**
**Omissis**
**Omissis**
**Omissis**

Il- Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imsemmija;

Omissis

Omissis

Omissis

Omissis

Omissis

Akkuzati talli:

B’diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

**Lil omissis u lil Omissis wahidhom;**

Talli nhar il-21 ta’ Awwissu 2008, ghall-habta ta’ 23:00hrs, minn gewwa Sundown Courts, appartament nurmu A03, Triq ir-Russett, Kappara, ikkommettew serq ta’ zewg nuccalijiet tax-xemx liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, meta l-valur tal-haga misruqa huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94), bil-mezz u bil-hin u dan ghad-dannu ta’ Giulia Pavoni u Prencipe Simone mill-Italja,

U aktar talli f’xi gurnata bejn Lulju u Awwissu 2008, ghall-habta ta’ 00:00hrs, minn gewwa l-lukanda Topaz, li tinsab fi Triq Censu Tanti, San Pawl il-Bahar, ikkommettew serq ta’ mobile phone tal-marka Samsung U-600, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u bil-hin, u dan ghad-detriment ta’ persuna mhux maghrufa,

**Lil Omissis wahdu;**

Talli f’Gunju 2008, f’xi hin matul il-gurnata, minn gewwa ix-Xatt ta’ Qui-si-Sana, Tas-Sliema, ikkommetta serq ta’ mobile phone tad-ditta Samsung, ghad-detriment ta’ persuna mhux maghrufa,

**Lil Omissis u Omissis wahidhom;**

Talli fil-lejl tal-15 u 16 ta’ Mejju 2008, minn gewwa l-Lukanda San Antonio li tinsab fi Triq it-Turisti Bugibba, flimkien ma’ persuna ohra, ikkommettew serq ta’ oggetti,

liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur meta l-valur tal-haga misruqa huwa izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), bil-mezz u bil-hin, u dan ghad-detriment ta' Henrik Ingemar Ekman u Inger Kristina Larsson Ekman mill-Isvezja.

**Lil Omissis, Omissis u Omissis wahidhom;**

Talli bejn Mejju u Settembru 2007, f'hinijiet differenti matul il-gurnata minn gewwa s-Sundown Courts li jinsabu fi Triq ir-Russett, Kappara, ikkommettew serq ta' diversi oggetti u flus, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, meta l-valur tal-haga misruqa huwa izjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94), bil-mezz u bil-hin, u dan ghad-detriment ta' diversi persuni mhux maghrufa,

**Lil Omissis wahdu;**

Talli bejn Mejju u Awwissu 2008, minn gewwa l-lukanda St Georges Park li tinsab fi Triq id-Dragonara, Paceville, f'xi hin filghaxija qabel l-22:00hrs, ikkommetta serq ta' zewg mobile phones tad-ditta Samsung u Motorola, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur meta l-valur tal-haga misruqa huwa izjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94), bil-mezz u bil-hin, u dan ghad-detriment ta' diversi persuni mhux maghrufa,

Talli bejn Mejju u Awwissu 2008, minn gewwa l-lukanda Corinthia Marina Hotel, li tinsab fi Triq ix-Xatt ta' San Gorg, San Giljan, ikkommetta serq ta' mobile phone MP4PDA ghad-detriment ta' persuna mhux maghrufa,

U aktar talli nhar il-15 ta' Frar 2008, ghall-habta ta' 17:30hrs, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi ittanta jisraq minn appartament li jinsab fi Block A gewwa Sundown Courts, Kappara, ghad-detriment ta' persuna jew persuni mhux maghrufa, liema tentattiv ta' serq, li kieku sar kien ikun aggravat bil-valur, liema valur jeccedi il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu

(232.94) u bil-mezz, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu,

U aktar talli f'Gunju 2008, f'xi hin matul il-gurnata, minn gewwa ix-Xatt ta' Qui-si-Sana, Tas-Sliema, kien komplici flimkien ma' omissis mill-Mosta u ikkommetta serq ta' mobile phone tad-ditta Samsung, ghad-detriment ta' persuna mhux maghrufa,

U aktar talli bejn Mejju 2008 u Awwissu 2008, flimkien ma' persuni ohra, f'xi hin bejn is-06:00hrs u t-08:00hrs, minn gewwa l-lukanda Sunflower li tinsab fi Triq Garcia De Toledo, Bugibba, kien komplici flimkien ma' Edward Bonello minn H'Attard u ikkommetta serq ta' oggetti, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, meta l-haga misruqa tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94), bil-mezz u bil-hin u dan ghad-dannu ta' persuni mhux maghrufa,

Rat l-artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271, u 284 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati odjerni ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Rat l-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena

Ikkunsidrat

Illi l-imputati odjerni ammettew l-imputazzjonijet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat n-natura tar-reati, l-eta ta'l-imputati, l-koperazzjoni taghhom mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali taghhom li hija wahda netta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271, u 284 kif ukoll l-artikolu 37 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni issib lill-imputati omissis, omissis, omissis, u omissis hatja ta' l-imputazzonijiet migjuba kontra taghhom u b'l-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tillibera lil omissis u omissis bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sena; tillibera lil omissis bil-kundizzjoni li ma jagmilx reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar; u tillibera lil omissis bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor  fi zmien sentejn.

Il-Qorti, spjegat bi kliem car lill-hatja fi kliem car r-responsabbilta taghhom u x'jigri jekk huma jikkommettu reat fil-perjodi fuq indikati.

Peress li l-l-imputati kienu minorenni fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reat, tordna d-divjet mill-pubblikazzjoni ta' isimhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------